*- HLAS TA' KAMBJALA – RINUNZJA –*

*- CONTRA SCRIPTUM NON SCRIPTUN TESTIMONIUM NON FERTUR –*

*- ECCEZZJONIJIET GHALL-ISTESS REGOLA -*

# IL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Erbgha 12 ta' Dicembru 2001**

**Kawza Numru: 12**
**Citazzjoni Numru: 1736/96/RCP**

**Mario Callus ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta` Agricultural Co-Operative Limited**

**vs**

**Mark Micallef**

**Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-konvenut jinsab debitur versu l-attur nomine fis-somma ta' tlett elef u hames mitt lira (LM3,500) rapprezentanti import ta' erba' kambjali iffirmati w accettati mill-konvenut, li skadew fl-1 ta' April 1994, fl-1 ta' Mejju 1994, fl-1 ta' Gunju 1994 u fl-1 ta' Lulju 1994 rispettivament minghajr ma thallsu, (Dok.A1, Dok.A2, Dok.A3, Dok A4), liema dejn hu cert, likwidu u dovut.

Illi l-konvenut interpellat sabiex ihallas, hallas biss is-somma ta' hames mitt lira (LM500) akkont fis-26 ta' Frar 1996 liema pagament gie akkreditat ghall-imghaxijiet legali dekorsi skond ma jirrizulta mill-anness prospett markat Dokument B.

Illi fil-fehma tal-attur nomine il-konvenut m'ghandux eccezzjonijiet xi jressaq kontra t-talbiet attrici.

L-istess attur talab ghalhekk li l-istess konvenut jghid ghaliex m'ghandiex din il-Qorti:

1. Tiddeciedi skond it-talba bid-dispensa mis-smiegh tal-kawza a tenur tal-Artikolu 167 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili.

2. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur nomine is-somma ta' tlett elef u hames mitt lira (LM3,500) rapprezentanti import ta' erba' kambjali iffirmati w accettati mill-konvenut, li skadew fl-1 ta' April 1994, fl-1 ta' Mejju 1994, fl-1 ta' Gunju 1994 u fl-1 ta' Lulju 1994 rispettivament minghajr ma thallsu.

Bl-imghaxijiet kummercjali li sallum jammontaw ghal tnejn u sebghin lira u ghoxrin centezmu (LM72.20) skond kif jirrizulta mill-anness prospett Dok. B u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tat-13 ta' Ottubru 1994 u tal-mandat ta' sekwestru ipprezentat kontestwalment kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol 4 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol 4 sa 8 tal-process;

Rat il-verbal tas-27 ta' Mejju 1996 fejn il-konvenut iddikjara li ghandu eccezzjoni valida x'jaghti u din hija illi mhux is-somma kollha mitluba hija dovuta u hija dovuta biss is-somma bilancjali ta' Lm2,300 u talab li jipprezenta nota tal-eccezzjonijiet f'dan is-sens. Il-Qorti laqghet it-talba u preffiggiet terminu ta' 20 jum ghall-prezentata tal-istess.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut a fol 14 tal-process fejn gie eccepit:

1. Illi t-talbiet attrici kif dedotti huma nfondati in kwantu l-ammont dovut huwa ta' elfejn u hames mitt lira Maltin (LM2,500) u mhux ta' tlett elef u hames mitt lira (LM3,500)

2. Illi l-kambjala li skadiet fl-1 ta' April, 1994, ghas-somma ta' elf lira Maltin (LM1,000) thallset mill-konvenut, izda s-socjeta' attrici qatt ma rritornat il-kambjala ffirmata;

3. Illi l-hlas ta' din il-kambjala hija pero' rifless mill-bilanc indikat fl-iskrittura ffirmata bejn il-partijiet fid-19 ta' Ottubru 1994, meta l-konvenut hallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf lira Maltin (LM1,000), f'liema skrittura il-bilanc indikat huwa gustament ta' elfejn lira maltin u hames mitt lira Maltin (LM2,500);

4. Illi anke fl-*istatements* li ntbaghtu sussegwentement mis-socjeta' attrici l-bilanc dovut kien dejjem ta' elfejn u hames mitt lira Maltin (LM2,500) oltre l-imghax;

5. Illi s-socjeta' attrici qeghda tipprova issa tapprofitta ruhha mill-fatt illi hija ma kienitx tat lill-konvenut il-kambjali li skadiet fl-1 ta' April, 1996, meta hallashom;

6. Illi l-konvenut jammetti t-talba attrici biss in kwantu limitata ghall-kambjali li skadew fl-1 ta' Mejju, 1994, fl-1 ta' Gunju, 1994, u fl-1 ta' Lulju 1994, ghas-somma totali ta' elfejn u hames mitt lira Maltin (LM2,500), liema hlas gie sussegwentement regolat mill-iskrittura ffirmat u datata 19 ta' Ottubru, 1994.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut Mark Micallef, il-lista tax-xhieda u d-dokumenti esebiti a fol 16 sa 20 tal-process

Rat il-verbali tal-24 ta' Gunju 1996, tas-27 ta' Novembru 1996, tat-12 ta' Marzu 1997 fejn il-Qorti nnominat lill-

Assistent Gudizzjarju Dr Nadia O'Flaherty sabiex tisma' x-xhieda ta' George Sammut.

Rat in-nota tal-attur nomine tat-12 ta' Marzu 1997 fejn permezz taghha esebixxa l-affidavit tieghu stess (fol 25 sa 29 tal-process).

Rat il-verbal tas-6 ta' Gunju 1997 fejn il-Qorti rrevokat *contrario imperio* d-digriet taghha tat-12 ta' Marzu 1997 in kwantu n-nomina tal-Assistent Gudizzjarju Dr Nadya O'Flaherty u minflokha nnominat lill-Assistent Gudizzjarju Dr Anthony Ellul.

Rat is-seduti kollha mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju Dr Tony Ellul.

Rat il-verbali tal-10 ta' Novembu 1997 fejn gie estiz l-inkarigu tal-Assistent Gudizzjarju ghall-gbir tal-provi, tal-25 ta' Frar 1998, tas-27 ta' Mejju 1998, tal-5 t'Ottubru 1998, tal-1 ta' Marzu 1999, tat-13 ta' Ottubru 1999, tal-11 ta' Frar 2000, tal-15 ta' Marzu 2000, tal-10 ta' Mejju 2000, tal-11 t'Ottubru 2000 fejn din il-kawza bdiet tigi mismuha minn din il-Qorti kif prezentament ippresjeduta, tat-23 ta' Novembru 2000, tat-8 ta' Frar 2001, tat-28 ta' Marzu 2001, tal-4 ta' Lulju 2001 fejn il-Qorti ddifferiet il-kawza ghas-sentenza ghat-12 ta' Dicembru 2001 bil-fakolta ta' nota ta' osservazzjonijiet.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi din il-kawza qed issir mis-socjeta` attrici stante li qed tallega li ghandha tiehu minghand il-konvenut is-somma ta' Lm3,500 rappresentanti import ta' erba' kambjali iffirmati u accettati mill-konvenut li skadew fl-1 t'April 1994, fl-1 ta' Mejju 1994, 1 ta' Gunju 1994, 1 ta' Lulju 1994 tal-valur rispettiv ta' Lm1,000 l-ewwel tlett kambjali u Lm500 l-ahhar kambjala msemmija.

Illi tali kambjali jirrizulta li baqghu fil-pussess tas-socjeta` attrici u kopji taghhom jinsabu esebiti minn Dok A1 sa Dok A4 a fol. 5 u 6 tal-process.

Illi l-konvenut minn naha l-ohra qed jammetti t-talba limitatament ghall-ammont ta' Lm2,500 u cioe` l-import ta' l-ahhar tlett kambjali fuq imsemmija tal-1 ta' Mejju 1994, l-1 ta' Gunju 1994 u l-1 ta' Lulju 1994,.

Illi dan il-konvenut qed isostnih stante li qed jallega li apparti l-pagament ta' Lm500 imsemmi fic-citazzjoni attrici, u li dwaru ma hemm l-ebda kontestazzjoni lanqas ghall-fatt li tali pagament gie akkreditat ghall-interessi li kienu skorrew abbazi tad-Dokument B anness mac-citazzjoni attrici, li huwa hallas ammont ulterjuri ta' Lm1,000 lis-socjeta` attrici li ma giex mehud in konsiderazzjoni mill-

istess socjeta` attrici fil-fissazzjoni tas-sorte tal-kawza odjerna.

Illi huwa ovvju li f'dan il-kuntest l-oneru huwa fuq il-konvenut li jipprova tali pagament. Illi fil-fatt il-versjoni tal-konvenut hija li huwa hallas l-istess ammont ta' Lm1,000 permezz ta' flus kontanti direttament lill-Mario Callus ghan-nom tas-socjeta` attrici dak in-nhar stess li saret skrittura privata bejn il-partijiet datata 19 t'Ottubru 1994 li tinsab esebita bhala Dok XX2 a fol 53 tal-process.

Illi fl-istess skrittura jinghad li l-partijiet odjerni kienu qed jaqblu li l-konvenut ghandu jaghti lis-socjeta` attrici s-somma ta' Lm2,500 liema ammont kellu jithallas qabel jew fid-data tal-31 ta' Jannar 1996, fl-istess skrittura hemm ukoll li kellhom jiddekkorru interessi ta' 8% fuq l-istess ammont mid-data tal-maturita` tal-istess kambjali liema pagament ghall-interessi kellu jsir sad-data indikata tal-31 ta' Jannar 1996.

Illi sabiex ikompli jemfasizza t-tezi tieghu l-istess konvenut sostna li in konformita` mal-istess skrittura privata intbaghtu *statements* lilu mis-socjeta` attrici li jindikaw li l-ammont dovut minnu lilha kien biss ta' Lm2,500 oltre l-interessi, u dan kif jirrizulta mill-ittri datati 28 ta' Frar 1995 u 19 ta' Jannar 1996 esebiti a fol 18 u 19 tal-process.

Illi min-naha l-ohra s-socjeta` attrici spjegat tramite rappresentant taghha Mario Callus illi hija kienet bieghet kwantita` ta' *sheeting* tal-polythene lis-socjeta` Flower

Power (Sales) Limited f'Ottubru 1992 liema bilanc tal-prezz tal-istess fl-ammont ta' Lm5,500 kellhom jithallsu mill-istess socjeta` s'Awissu 1993. Illi f'Ottubru/Novembru 1993 Flower Power Sales Limited infurmaw lis-socjeta` attrici li kienu bieghu l-istess *sheeting* lill-konvenut u dan kellu jhallas direttament hu il-bilanc ta' Lm4,500 lis-socjeta` attrici mentri li l-Lm1,000 l-ohra kellhom jithallsu mis-socjeta` Flower Power (Sales) Limited.

Illi skond l-istess xhud is-socjeta` attrici accettat dan il-ftehim u fil-fatt inhargu kambjali datati l-1 ta' Marzu 1994, l-1 t'April 1994 l-1 ta' Mejju 1994, l-1 ta' Gunju 1994 tal-valur ta' Lm1,000 l-wiehed u kambjala ohra tal-1 ta' Lulju 1994 ghall-ammont ta' Lm500 iffirmati mill-konvenut.

Illi l-konvenut hallas l-ewwel kambjala permezz ta' *cheque* numru 12 tal-Bank of Valletta u fil-fatt inharget ricevuta numru 010523 fid-29 ta' Marzu 1994 ghall-istess ammont esebita bhala Dokument 'B' u l-kambjala giet ritornata, fil-fatt l-istess kambjala ma hijiex il-mertu tal-kawza odjerna.

Illi fis-17 ta' Settembru 1994 is-socjeta` Flower Power (Sales) Limited hallset is-somma ta' Lm1,000 permezz ta' *cheque* numru 1575 tal-Mid Med Bank Limited ovvjament biex taqta' d-debitu taghha tal-istess ammont li kien baqa' minnha dovut u fil-fatt harget ricevuta fuq l-istess socjeta` datata 17 ta' Marzu 1994 bin-numru 10508 u mmarkata bhala Dokument 'C' a fol 29 tal-process.

Illi bi zball pero` u peress li l-*account* tal-konvenut mas-socjeta` attrici baqa' jidher fuq is-socjeta` Flower Power (Sales) Limited l-istess ammont ta' Lm1,000 imhallas mis-socjeta` Flower Power (Sales) Limited gie akkreditat bi zball a favur il-konvenut, tant illi fl-iskrittura tad-19 ta' Ottubru 1994 issemma biss bilanc ta' Lm2,500 li jkopri l-valur ta' l-ahhar tlett kambjali msemmija fic-citazzjoni attrici u kien ghalhekk li giet iffirmata l-iskrittura msemmija, u fil-fatt l-i*statements* tal-kumpanija baqghu johorgu b'dan l-izball.

Illi f'din it-tezi tas-socjeta` attrici l-istess Mario Callus jinsab ikkorroborat mix-xhieda ta' George Sammut ghan-nom tas-socjeta` Flower Power (Sales) Limited li taghha kien *Managing Director* li fis-seduta tal-1 ta' Dicembru 1997 ikkonferma li l-Lm1,000 mhallsin b'*cheque* tas-17 ta' Marzu 1994 numru 1575 tal-Mid Med Bank li anke gie esebit l-original tieghu bhala Dok XX1 a fol 52 tal-process u r-ricevuta relattiva bhala Dok GS a fol 39 tal-process gew imhallsa mill-istess socjeta` Flower Power (Sales) Limited sabiex jaqtghu l-ammont minnhom dovut ta' Lm1,000 li ma kienx gie assunt mill-istess konvenut.

Illi l-konvenut ma jikkontesta xejn minn dawn il-pagamenti li saru mis-socjeta` Flower Power (Sales) Limited, isostni biss li huwa l-pagament ghamlu permezz ta' flus kontanti lil Mario Callus rapprezentant tas-socjeta` attrici. Prova ta' tali pagament pero` ma gabx stante li ma jirrizultax li s-socjeta` attrici b'xi mod harget xi ricevuta ghall-istess ammont. Illi inoltre jinghad li din it-tezi tal-istess konvenut

ma tistax titwemmen minn din il-Qorti peress li huwa stramb li wiehed jemmen dak li qieghed jghid il-konvenut li tali pagament sar bi flus kontanti proprju fid-data meta giet iffirmata l-iskrittura privata tad-19 t'Ottubru 1994, meta fl-istess skrittura ma hemmx indikat li sar pagament ta' Lm1,000 lill-konvenut proprju dak in-nhar stess.

Illi huwa naturali li wiehed jirraguna li la darba saret dik l-iskrittura privata kieku vera sar il-pagament ta' Lm1,000 mill-konvenut lis-socjeta` attrici dak in-nhar stess kien jinsisti li almenu fl-istess skrittura privata tinghata ricevuta tal-istess jekk ma jitlobx lura l-istess kambjala li huwa allega li hallas. Pero` jidher li l-konvenut ma nsista fuq l-ebda wahda minn dawn it-triqat u ghalhekk fl-isfond ta' dan kollu ma jirrizultax li l-konvenut issodisfa l-oneru impost fuqu li huwa hallas l-ammont ta' Lm1,000 kif qed jallega.

Illi il-fatt li l-ittri mibghuta mis-socjeta` attrici sussegwenti ghall-isess skrittura juru biss l-ammont ta' Lm2,500 u mhux Lm3,500 gie spjegat mis-socjeta` attrici fit-tezi taghhom fuq indikata li tali ammont ta' Lm2,500 gie kkalkulat bi zball peress li gie akkreditat lill-konvenut pagament ta' Lm1,000 li sar bic-*cheque* Nru 1575 tal-Mid Med Bank Limited fis-17 ta' Marzu 1994, kif ukoll dan kollu jinsab ikkorroborat mill-ircevuta fuq indikata u mic-*cheque* mahrug mill-istess socjeta` Flower Power (Sales) Limited esebit bhala Dok XX1 a fol 52 tal-process.

Illi apparti dan l-istess Mario Callus ikkontradixxa x-xhieda tal-konvenut tant li sostna li huwa ma rcieva ebda

pagament mill-konvenut hlief ghas-somma ta' Lm500 indikata fic-citazzjoni attrici liema somma thalset permezz ta' pagament li sar fis-26 ta' Frar 1996 u li jirrizulta mill-prospett esebit bhala Dok 'B' a fol 7 tal-process.

Illi fl-istess skrittura tad-19 t'Ottubru 1994 jigi ndikat ukoll li ma jirrizultax li fl-istess kitba kien hemm xi element ta' rinunzja da parti tas-socjeta` attrici ghall-ammonti ohra li kienu realment u effettivament dovuti lilha mill-konvenut, u ghalhekk lanqas jista' jinghad li l-istess socjeta` attrici permezz tal-istess pregudikat id-drittijiet taghha ghaliex rinunzja ta' drittijiet ghandha dejjem tkun wahda cara u esplicita sabiex ikollha effett u certament li fl-opinjoni ta' din il-Qorti dan ma kienx il-kaz fl-iskrittura indikata.

Illi anke jekk wiehed ihares lejn ir-regoli li jirregolaw l-interpretazzjoni ta' skritturi tajjeb li wiehed jirreferi ghas-sentenza fl-ismijiet "**Carmelo Morana vs Nutar Dr Joseph Spiteri et**" (A.C. 26 ta' Mejju 1952 – XXXVIB.i.119) fejn inghad:

"*Illi huwa li bhala regola tradizzjonali u generali 'contra scriptum non scriptun testimonium non fertum' din ir-regola osservata b'mod assolut fi zmien antik gie ritenut li ghandha tigi mitigata (Vol XXVII.i.870), billi kull kaz ghandu jigi ezaminat skond il-fatti specie tieghu (Vol XXIX.ii.1090). Gie ritenut ukoll illi l-istess regola ma hijiex applikabbli f'dawk il-kazi fejn l-att miktub jigi impunjat minhabba simulazzjoni (Vol XXIX.ii.1203); kif lanqa ma hi applikabbli meta jkun jidher illi l-kontraenti ghamlu kuntratt simulat biex*

*jghattu kuntratt iehor li realment riedu jaghmlu, u meta l-Qorti tkun perswaza li jkun sar zball fil-kuntratt (XXX.i.603)*".

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li skrittura privata kienet sempliciment dikjarazzjoni maghmula bejn il-partijiet fil-kawza u mill-provi prodotti jirrizulta wkoll li l-ammont hemm indikat ta' Lm2,500 gie ndikat bi zball mis-socjeta` attrici minhabba li akkreditat ghaf-favur il-konvenut pagament ta' Lm1,000 li effettivament sar mis-socjeta` Flower Power (Sales) Limited u ghalhekk din il-Qorti hija konvinta li sar zball genwin mis-socjeta` attrici li l-konvenut qed jipprova japprofitta ruhu minnu, haga li din il-Qorti ma hijiex disposta li thallih jghaddi.

Illi ghalhekk abbazi tal-premess it-talbiet attrici ghandhom jigu milqugha fl-interita` taghhom.

**III. KONKLUZJONI.**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut rigwardanti l-ammont ta' Lm1,000 mis-sorte, u fuq ammissjoni tal-konvenut ghall-ammont ta' Lm2,500, **tilqa' t-tabliet attrici** b'dan illi:

2. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur nomine is-somma ta' tlett elef u hames mitt lira (LM3,500) rapprezentanti import ta' erba' kambjali iffirmati w accettati mill-konvenut, li skadew fl-1 ta' April 1994, fl-1 ta' Mejju

1994, fl-1 ta' Gunju 1994 u fl-1 ta' Lulju 1994 rispettivament minghajr ma thallsu.

Bl-imghaxijiet kummercjali li sad-data tal-prezentata tac-citazzjoni kienu jammontaw ghal tnejn u sebghin lira u ghoxrin centezmu (LM72.20) skond kif jirrizulta mill-prospett Dok. B u bl-imghaxijiet legali ulterjuri sal-effettiv pagament u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tat-13 ta' Ottubru 1994 u u tal-mandat ta' sekwestruipprezentat mac-citazzjoni attrici kontra l-konvenut.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**12 ta' Dicembru 2001.**

**Josette Demicoli.**
**Deputat Registratur.**
**12 ta' Dicembru 2001.**